94.	Aung Kyaw Min	<p>Nazzjonalità: Myanmar/Burma;</p> <p>Data tat-twelid: madwar l-1958;</p> <p>Post tat-twelid: Myanmar/Burma;</p> <p>Sess: raġel;</p> <p>Funzjoni: Membru tal-iState Administration Council</p>	<p>Aung Kyaw Min kien membru tal-iState Administration Council (SAC) mill-1 ta' Frar 2023 sat-2 ta' Awwissu 2023. Huwa wkoll l-eks Ministru Kap tal-Istat ta' Rakhine. L-SAC kien immexxi mill-Kap Kmandant Min Aung Hlaing, li ħa f'idejh is-setgħat leġiżlattivi, eżekuttivi u ġudizzjarji tal-Istat mill-1 ta' Frar 2021, u b'hekk waqqaf lill-gvern elett demokratikament milli jwettaq il-mandat tiegħu.</p> <p>Bħala eks membru tal-SAC, Aung Kyaw Min kien direttament involut u responsabbli għat-teħid ta' deċiżjonijiet li jikkonċernaw il-funzjonijiet statali, u għalhekk hu responsabbli għad-dgħajfien tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma. Barra minn hekk, l-SAC adotta deċiżjonijiet li jirrestrinġu d-dritt tal-libertà tal-espressjoni, inkluż l-aċċess għall-informazzjoni, u d-dritt għal-libertà ta' għaqda paċifika.</p> <p>Il-forzi u l-awtoritajiet militari li joperaw taħt il-kontroll tal-SAC wettqu kontinwament ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem mill-1 ta' Frar 2021, qatlu dimostranti ċivili u mhux armati, u rrestrinġew il-libertà ta' assemblea u ta' espressjoni.</p> <p>Bħala eks membru tal-SAC, Aung Kyaw Min huwa direttament responsabbli għal dawk id-deċiżjonijiet repressivi u għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem.</p>	20.7.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
96.	Myint Kyaing (magħruf ukoll bħala U Myint Kyaing)	<p>Nazzjonalità: Myanmar/Burma;</p> <p>Data tat-twelid: 17.4.1957</p> <p>Post tat-twelid: Myanmar/Burma;</p> <p>Sess: raġel;</p> <p>Funzjoni: Ministru tal-Unjoni għall-Immigrazzjoni u l-Popolazzjoni</p>	<p>Myint Kyaing ilu l-Ministru tal-Unjoni għall-Immigrazzjoni u l-Popolazzjoni mid-19 ta' Awwissu 2021. Qabel dan, huwa kien Ministru tal-Unjoni għax-Xogħol wara l-kolp ta' stat fl-1 ta' Frar 2021. Huwa kien membru tal-iState Administration Council (SAC) sax-xoljiment tiegħu fil-31 ta' Lulju 2025, immexxi mill-Kap Kmandant Min Aung Hlaing, li ħa f'idejh is-setgħat leġiżlattivi, eżekuttivi u ġudizzjarji tal-Istat fil-kolp ta' stat militari fl-1 ta' Frar 2021.</p> <p>Bħala Ministru tal-gvern, huwa jagħmel parti mir-reġim militari li ħataf il-poter matul kolp ta' stat militari u waqqa' l-mexxejja eletti b'mod leġittimu tal-Myanmar/Burma. Fil-kapaċità tiegħu bħala Ministru tal-Unjoni, huwa jwettaq funzjonijiet b'appoġġ għall-politika repressiva tar-reġim militari dwar l-immigrazzjoni u l-popolazzjoni bħal restrizzjonijiet għaċ-ċittadini biex jivvjaġġaw ġewwa l-pajjiż kif ukoll il-politika tar-reġim lejn il-minoranza tar-Rohingya bi ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Bħala Ministru għall-Immigrazzjoni tal-Popolazzjoni huwa jipparteċipa wkoll fit-tnejjijiet għall-elezzjonijiet imħabbra mill-militar sabiex jilleġittimizza l-kolp ta' stat illegali ta' Frar 2021.</p> <p>Myint Kyaing huwa għaldaqstant responsabbli għad-dgħajfien tad-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma u għall-għoti ta' appoġġ għal azzjonijiet li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Myanmar/Burma.</p>	20.7.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
97.	Porel Aung Thein	<p>Nazzjonalità: Myanmar/Burma;</p> <p>Data tat-twelid: bejn is-snin 60 u 70 (madwar 60 sena);</p> <p>Post tat-twelid: Myanmar/Burma;</p> <p>Sess: raġel;</p> <p>Funzjoni: Membru tal-iState Administration Council</p>	<p>Porel Aung Thein huwa membru tan-National Defence and Security Council (NDSC) u tal-Korp Konsultattiv Ċentrali tiegħu, kif ukoll eks membru tal-iState Administration Council (SAC). Huwa wkoll membru tal-partit bi prokura militari, Union Solidarity and Development Party (USDP).</p> <p>L-SAC kien immexxi mill-Kap Kmandant Min Aung Hlaing u ħa f'idejh is-setgħat leġiżlattivi, eżekuttivi u ġudizzjarji tal-Istat mit-2 ta' Frar 2021, u b'hekk waqqaf lill-gvern elett demokratikament milli jwettaq il-mandat tiegħu.</p> <p>Bħala membru tal-NDSC u tal-Korp Konsultattiv Ċentrali tiegħu kif ukoll bħala eks membru tal-SAC, Porel Aung Thein kien direttament involut u responsabbli għat-teħid ta' deċiżjonijiet li jikkonċernaw il-funzjonijiet statali, u għalhekk hu responsabbli għad-dgħajfien tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma. Barra minn hekk, l-SAC adotta deċiżjonijiet li jirrestrinġu d-dritt għal-libertà tal-espressjoni, inkluż l-aċċess għall-informazzjoni, u d-dritt għal-libertà ta' għaqda paċifika.</p>	20.7.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
			<p>Il-forzi u l-awtoritajiet militari li joperaw taħt il-kontroll tal-SAC wettqu kontinwament ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem mit-2 ta' Frar 2021, qatlu dimostranti ċivili u mhux armati, u rrestrinġew il-libertà ta' assemblea u ta' espressjoni.</p> <p>Bħala membru tal-NDSC u tal-Korp Konsultattiv Ċentrali tiegħu kif ukoll bħala eks membru tal-SAC, Porel Aung Thein huwa direttament responsabbli għal dawk id-deċiżjonijiet repressivi u għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
98.	Pwint San	<p>Nazzjonalità: Myanmar/Burma;</p> <p>Data tat-twelid: 13.7.1961;</p> <p>Post tat-twelid: Myanmar/Burma;</p> <p>Sess: raġel;</p> <p>Funzjoni: Ministru tal-Unjoni għax-Xogħol</p>	<p>Pwint San kien Ministru tal-Unjoni għax- mid-19 ta' Awwissu 2022 sat-2 ta' Awwissu 2023. Huwa nħatar mill-iState Administration Council (SAC), immexxi mill-Kap Kmandant Min Aung Hlaing, li ħa f'idejh is-setgħat leġiżlattivi, eżekuttivi u ġudizzjarji tal-Istat mit-2 ta' Frar 2021.</p> <p>Qabel kien inħatar Ministru tal-Unjoni għall-Kummerç għall-perjodu mit-3 ta' Frar 2021 sad-19 ta' Awwissu 2022.</p> <p>Bħala eks Ministru tal-gvern, huwa għamel parti mir-reġim militari li ħataf il-poter matul kolp ta' stat militari u waqqa' l-mexxejja eletti b'mod leġittimu tal-Myanmar/Burma. Taħt l-awtorità tiegħu, id-drittijiet tal-ħaddiema, speċjalment id-drittijiet tal-ħaddiema affiljati mal-moviment tal-oppożizzjoni, inkisru b'mod sistematiku. Bħala Ministru għall-Kummerç, Pwint San iffaċilita l-importazzjoni tal-oġġetti meħtieġa biex isostnu l-poter tar-reġim (eż. l-importazzjoni taż-żejt tal-fjuwil). Barra minn hekk, permezz tal-attivitajiet nazzjonali u l-kuntatti internazzjonali tiegħu, huwa jikkontribwixxi għall-istabbilizzazzjoni ulterjuri tal-poter illeġittimu tar-reġim militari. Fl-istess ħin, il-ministeru preċedentement taħt l-awtorità tiegħu jaggrava t-tfixkil tal-provvista fil-pajjiż billi jimponi kontrolli fuq l-importazzjoni u jirrestrinġi t-trasferiment tar-rimessi.</p>	20.7.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
			<p>Fil-kapaċità tiegħu bħala eks Ministru tal-Unjoni għax-Xogħol u eks Ministru tal-Unjoni għall-Kummerċ, Pwint San huwa għaldaqstant persuna fiżika li l-azzjonijiet, il-politiki u l-attivitajiet tiegħu jdgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma u li huwa involut f'azzjonijiet li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Myanmar/Burma.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
100.	Nyo Saw	<p>Nazzjonalità: Myanmar/Burma;</p> <p>Post tat-twelid: Myanmar/Burma;</p> <p>Sess: raġel;</p> <p>Funzjoni: Prim Ministru, Membru tal-iState Administration Council (SAC) u Konsulent ta' Min Aung Hlaing (President tal-SAC);</p> <p>Grad: Logutenent Ġeneral;</p> <p>Grad politiku: Ministru tal- Unjoni</p>	<p>Il-Logutenent Ġeneral Nyo Saw ilu Prim Ministru mill-31 ta' Lulju 2025. Minn Settembru 2023, huwa kien membru tal-iState Administration Council wara li nħatar konsulent għoli tal-President tal-iState Administration Council (SAC), il-Ġeneral Anzjan Min Aung Hlaing (li ilu ddeżinjat mit-22.3.2021) fil-grad ta' Ministru tal-Unjoni, sakemm l-SAC ġie sostitwit mill-iState Security and Peace Commission (SSPC) fil-31 ta' Lulju 2025. , Huwa ilu membru tal-SSPC mill- 31 ta' Lulju 2025. Huwa wkoll kap ta' kumitat li għandu l-kompitu li jimporta fjuwil mir-Russja, il-fornitur ewlieni tal-armi tar-reġim. Nyo Saw irtira mill-armata fl-2020 bħala ġeneral inkarigat mill-proviżjonijiet. Huwa jservi wkoll bħala membru tal-Kumitat ta' Superviżjoni tal-Kambju Barrani (FESC) u bħala l-president tal-konglomerat militari Myanmar Economic Corporation (MEC), li t-tnejn li huma jiġġeneraw dħul għar-reġim. Huwa wkoll membru tal-grupp patrun ta' Myanmar Economic Holdings Ltd (MEHL). Bħala membru tal-SAC u konsulent tal-President tal-SAC, Nyo Saw għandu rwol ewlieni fiż-żamma u l-orkestrazzjoni tad-dittatorjat militari fil-Myanmar li ħataf il-poter permezz ta' kolp ta' stat militari fl-2021, b'liema waqqa' l-gvern elett demokratikament. Permezz tar-rwoli tiegħu fit-tmexxija ta' intrapriżi bi sjieda militari u fil-ġestjoni tal-importazzjonijiet tal-fjuwil mir-Russja, inkluż għall-użu militari, huwa jipprovdi wkoll appoġġ ekonomiku u introjtu lir-reġim militari. Nyo Saw huwa assoċjat ma' membri preċedenti u attwali tar-reġim tal-ġunta.</p>	11.12.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
			<p>Nyo Saw huwa għaldaqstant persuna fiżika li l-politiki u l-attivitajiet tiegħu jdgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma, u li jinvolvi ruħu f'azzjonijiet li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Myanmar/Burma. Barra minn hekk, Nyo Saw huwa assoċjat ma' persuni ddeżinjati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/184/PESK u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 401/2013, b'mod partikolari l-Ġeneral Min Aung Hlaing.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
102.	Hmu Htan	<p>Nazzjonalità: Myanmar/Burma;</p> <p>Data tat-twelid: Bejn l-1960 u l-1975;</p> <p>Post tat-twelid: Myanmar/Burma;</p> <p>Sess: raġel;</p> <p>Funzjoni: Membru tal-iState Administration Council (SAC)</p>	<p>Hmu Htan huwa membru tan-National Defence and Security Council (NDSC) u tal-Korp Konsultattiv Ċentrali tiegħu, kif ukoll eks membru tal-iState Administrative Council (SAC). Huwa wkoll membru tal-partit bi prokura militari Union Solidarity and Development Party (USDP).</p> <p>Fl-1 ta' Frar 2021, il-Forzi Armati tal-Myanmar (Tatmadaw), immexxija mill-Kap Kmandant Min Aung Hlaing, wettqu kolp ta' stat fil-Myanmar/Burma billi rrifjutaw ir-riżultati tal-elezzjonijiet li saru fit-8 ta' Novembru 2020 u billi waqqgħu l-gvern elett demokratikament. Bħala parti mill-kolp ta' stat, il-Viċi President Myint Swe, fil-kariga ta' Aġent President, iddikjara stat ta' emerġenza fl-1 ta' Frar 2021 u ttrasferixxa s-setgħat leġiżlattivi, eżekuttivi u ġudizzjarji tal-istat lill-Kap Kmandant tas-Servizzi tad-Difiża, il-General Anzjan Min Aung Hlaing. Fit-2 ta' Frar 2021, ġie stabbilit l-SAC biex jeżerċita dawk is-setgħat, biex b'hekk il-gvern elett demokratikament ma jitħalliex iwettaq il-mandat tiegħu.</p>	11.12.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
			<p>Bħala membru tal-NDSC u tal-Korp Konsultattiv Ċentrali tiegħu kif ukoll bħala eks membru tal-SAC, Hmu Htan kien direttament involut u responsabbli għat-teħid ta' deċiżjonijiet li jikkonċernaw il-funzjonijiet statali, u għalhekk hu responsabbli għad-dgħajfien tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma. Barra minn hekk, l-SAC adotta deċiżjonijiet li jirrestrinġu d-dritt għal-libertà tal-espressjoni, inkluż l-aċċess għall-informazzjoni, u d-dritt għal-libertà ta' għaqda paċifika. Il-forzi militari u l-awtoritajiet li joperaw taħt il-kontroll tal-SAC wettqu ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem mill-1 ta' Frar 2021 'l hawn, billi qatlu dimostranti ċivili u mhux armati, illimitaw il-libertà ta' għaqda u tal-espressjoni, inkluż permezz tar-restrizzjoni tal-aċċess għall-Internet, u permezz tal-arresti arbitrarji u d-detenzjoni ta' mexxejja tal-oppożizzjoni u avversarji tal-kolp ta' stat. Barra minn hekk, l-SAC impona l-liġi marzjali f'partijiet tal-pajjiż li tat lill-forzi militari l-awtorità sħiħa fuq iż-żona speċifikata, inkluż il-funzjonijiet amministrattivi, ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi. Fiż-żoni taħt il-liġi marzjali, iċ-ċivili, inkluż ġurnalisti u dimostranti paċifiki, jiġu mħarrka mill-qrati militari, ħaġa li effettivament iċċaħħadhom mid-dritt għal proċess ġust, inkluż id-dritt ta' appell. L-azzjoni vjolenti mill-forzi militari u mill-pulizija li thedded il-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà żdiedet b'mod sinifikanti f'żoni fejn ġiet iddikjarata l-liġi marzjali.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
			Fil-kapaċità tiegħu bħala membru tal-NDSC u tal-Korp Konsultattiv Ċentrali tiegħu kif ukoll bħala eks membru tal-SAC, Hmu Htan huwa direttament responsabbli għal dawk id-deċiżjonijiet repressivi u għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem.	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
103.	Wunna Maung Lwin	<p>Nazzjonalità: Myanmar/Burma;</p> <p>Data tat-twelid; 30.5.1952;</p> <p>Post tat-twelid: Myanmar/Burma;</p> <p>Sess: raġel;</p> <p>Funzjoni: Membru tal-iState Administration Council (SAC); eks Ministru għall-Affarjiet Barranin tal-ġunta</p>	<p>Wunna Maung Lwin huwa membru tan-National Defence and Security Council (NDSC) u tal-Korp Konsultattiv Ċentrali tiegħu, kif ukoll eks membru tal-iState Administrative Council (SAC). Huwa wkoll membru tal-partit bi prokura militari Union Solidarity and Development Party (USDP).</p> <p>Fl-1 ta' Frar 2021, il-Forzi Armati tal-Myanmar (Tatmadaw), immexxija mill-Kap Kmandant Min Aung Hlaing, wettqu kolp ta' stat fil-Myanmar/Burma billi rrifjutaw ir-riżultati tal-elezzjonijiet li saru fit-8 ta' Novembru 2020 u billi waqqgħu l-gvern elett demokratikament. Bħala parti mill-kolp ta' stat, il-Viċi President Myint Swe, fil-kariga ta' Aġent President, iddikjara stat ta' emerġenza fl-1 ta' Frar 2021 u ttrasferixxa s-setgħat leġiżlattivi, eżekuttivi u ġudizzjarji tal-istat lill-Kap Kmandant tas-Servizzi tad-Difiża, il-General Anzjan Min Aung Hlaing. Fit-2 ta' Frar 2021, ġie stabbilit l-SAC biex jeżerċita dawk is-setgħat, biex b'hekk il-gvern elett demokratikament ma jitħalliex iwettaq il-mandat tiegħu.</p>	11.12.2023";

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
			<p>Bħala membru tal-SAC u tal-Korp Konsultattiv Ċentrali tiegħu kif ukoll bħala eks membru tal-SAC, Wunna Maung Lwin kien direttament involut u responsabbli għat-teħid ta' deċiżjonijiet li jikkonċernaw il-funzjonijiet statali, u għalhekk hu responsabbli għad-għajfien tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma. Barra minn hekk, l-SAC adotta deċiżjonijiet li jirrestrinġu d-dritt għal-libertà tal-espressjoni, inkluż l-aċċess għall-informazzjoni, u d-dritt għal-libertà ta' għaqda paċifika.</p> <p>Il-forzi militari u l-awtoritajiet li joperaw taħt il-kontroll tal-SAC wettqu ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem mill-1 ta' Frar 2021 'l hawn, billi qatlu dimostranti ċivili u mhux armati, illimitaw il-libertà ta' għaqda u tal-espressjoni, inkluż permezz tar-restrizzjoni tal-aċċess għall-Internet, u permezz tal-arresti arbitrarji u d-detenzjoni ta' mexxejja tal-oppożizzjoni u avversarji tal-kolp ta' stat. Barra minn hekk, l-SAC impona l-liġi marzjali f'partijiet tal-pajjiż li tat lill-forzi militari l-awtorità sħiħa fuq iż-żona speċifikata, inkluż il-funzjonijiet amministrattivi, għidizzjarji u tal-infurzar tal-liġi. Fiż-żoni taħt il-liġi marzjali, iċ-ċivili, inkluż għurnalisti u dimostranti paċifiċi, jiġu mħarrka mill-qrati militari, ħaġa li effettivament iċċaħħadhom mid-dritt għal proċess ġust, inkluż id-dritt ta' appell. L-azzjoni vjolenti mill-forzi militari u mill-pulizija li thedded il-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà żdiedet b'mod sinifikanti f'żoni fejn ġiet iddikjarata l-liġi marzjali.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
			<p>Fil-kapaċità tiegħu bħala membru tal-NDSC u tal-Korp Konsultattiv Ċentrali tiegħu kif ukoll bħala eks membru tal-SAC u eks Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-ġunta, Wunna Maung Lwin huwa direttament responsabbli għal deċiżjonijiet repressivi u għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll għal azzjonijiet immirati biex jilleġittimizzawhom internazzjonalment.</p>	

- (3) taħt l-intestatura "B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 6(1)", l-entrati 1, 2, 3, 4, 6, 9, 10, 11 u 19 huma sostitwiti bl-entrati korrispondenti li ġejjin:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
"1.	Myanmar Economic Holdings Public Company Ltd	<p>Indirizz: 51 Mahabandoola road, 189/191 Botataung, Yangon region, Myanmar 11 161;</p> <p>Tip ta' entità: Kumpanija Pubblika Limitata b'Ishma;</p> <p>Post tar-reġistrazzjoni: Yangon, Myanmar/Burma;</p> <p>Data tar-reġistrazzjoni: 27 ta' April 1990;</p> <p>Numru tar-reġistrazzjoni: 156387282;</p>	<p>Myanmar Economic Holdings Public Company Ltd (MEHL) hija konglomerat proprjetà ta' u kkontrollata mill-Forzi Armati tal-Myanmar (Tatmadaw), li għandha sussidjarji u kumpaniji affiljati f'diversi setturi tal-ekonomija, inkluż is-settur bankarju, l-assigurazzjoni, il-kostruzzjoni, il-kummerċ, it-trasport, l-estrazzjoni, l-estrazzjoni tal-ħaġar prezzjuż, il-manifattura u t-turiżmu. MEHL u s-sussidjarji tagħha jiġġeneraw introjtu u jipprovdu servizzi għat-Tatmadaw, u għaldaqstant jikkontribwixxu għall-kapaċitajiet tagħhom li jdgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt u għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-Myanmar/Burma.</p>	19.4.2021

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
		<p>Post prinċipali tan-negozju: Myanmar/Burma;</p> <p>Assoċjati: Bord tad-diretturi: Logutenent Ġeneral Dwe Aung Lin: direttur (iddeżinjat mill-UE); Logutenent Ġeneral Moe Myint Tun: direttur (iddeżinjat mill-UE); Grupp ta' patruni: Kap Kmandant Min Aung Hlaing: president (iddeżinjat mill-UE);</p> <p>Viċi Kap Kmandant Soe Win: Viċi president (iddeżinjat mill-UE);</p> <p>Numru tat-telefown: 01-290843;</p> <p>Sitweb: http://www.mehl.com.mm/</p>	<p>MEHL u s-sussidjarji tagħha taw b'donazzjoni assi lill-forzi militari fl-2017 matul iċ-ċerimonji ta' ġbir ta' fondi tat-Tatmadaw. Għalhekk, MEHL appoġġat finanzjarjament lit-Tatmadaw u għaldaqstant ikkontribwiet għall-kapaċità tagħhom li jwettqu l-"operazzjonijiet ta' tindif" u l-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-2017 kontra l-popolazzjoni Rohingya.</p> <p>Il-bord tad-diretturi tal-MEHL huwa magħmul esklużivament minn uffiċjali anzjani (attivi jew irtirati) tat-Tatmadaw. Żewġ membri tal-bord tad-Diretturi (il-Logutenent Ġeneral Dwe Aung Lin u l-Logutenent Ġeneral MoE Myint Tun) kienu wkoll membri tal-iState Administration Council, il-korp ad hoc maħluq wara l-kolp ta' stat tal-1 ta' Frar 2021, li kien qed jiggverna de facto fil-Myanmar u li kien għe sostitwit mill-iState Security and Peace Commission fil-31 ta' Lulju 2025, u huma elenkati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/184/PESK u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 401/2013 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Myanmar/Burma.</p> <p>Il-Kap Kmandant Min Aung Hlaing u l-Viċi Kap Kmandant Soe Win imexxu l-Grupp Prinċipali tal-MEHL bħala President u Viċi President, rispettivament.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
2.	Myanmar Economic Corporation Limited	<p>Indirizz: Corner of Ahlone road & Kannar road, Ahlone, Yangon, Myanmar;</p> <p>Tip ta' entità: Kumpanija pubblika limitata b'ishma;</p> <p>Post tar-reġistrazzjoni: Yangon, Myanmar/Burma</p> <p>Data tar-reġistrazzjoni: Stabbilita fl-1997 bħala kumpanija tal-Istat, reġistrata bħala kumpanija privata fid-9 ta' Jannar 2019;</p> <p>Numru tar-reġistrazzjoni: 105444192;</p> <p>Post tan-negozju: Myanmar/Burma;</p> <p>Numru tat-telefown: 01-8221369;</p> <p>Indirizz elettroniku: mecadm.hq@gmail.com</p>	<p>Myanmar Economic Corporation (MEC) hija konglomerat proprjetà ta' u kkontrollata mill-Forzi Armati tal-Myanmar (Tatmadaw), li għandha sussidjarji u kumpaniji affiljati f'diversi setturi tal-ekonomija, inkluż is-settur bankarju, l-assigurazzjoni, il-kostruzzjoni, il-kummerċ, it-trasport, l-estrazzjoni, l-estrazzjoni tal-ħaġar prezzjuż, il-manifattura u t-turiżmu. MEC u s-sussidjarji tagħha jiġġeneraw introjtu għat-Tatmadaw, u għaldaqstant jikkontribwixxu għall-kapaċitajiet tagħhom li jdgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt u għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-Myanmar/Burma.</p> <p>Il-bord tad-diretturi tal-MEC huwa magħmul esklużivament minn uffiċjali anzjani (attivi jew irtirati) tat-Tatmadaw.</p> <p>MEC u s-sussidjarji tagħha taw b'donazzjoni assi lill-forzi militari fl-2017 matul iċ-ċerimonji ta' ġbir ta' fondi tat-Tatmadaw. Għalhekk, MEC appoġġat finanzjarjament lit-Tatmadaw u għaldaqstant ikkontribwiet għall-kapaċità tagħhom li jwettqu l-"operazzjonijiet ta' tindif" u l-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-2017 kontra l-popolazzjoni Rohingya.</p>	19.4.2021

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
3.	Myanmar Gems Enterprise (magħrufa wkoll bħala Myanmar Gems Enterprise)	<p>Indirizz: NO. 70-072, Yarza, Thingaha Road, Thapyaygone Ward, Zabuthiri Township, Naypyitaw, Myanmar;</p> <p>Tip ta' entità: Intrapriża tal-istat;</p> <p>Post tar-reġistrazzjoni: Myanmar;</p> <p>Sit web: http://www.mge.gov.mm/</p>	<p>Myanmar Gems Enterprise (MGE) hija intrapriża tal-istat ikkontrollata mill-Forzi Armati tal-Myanmar (Tatmadaw), responsabbli għall-abbozzar ta' regoli u regolamenti u għas-supervizzjoni u l-għoti ta' permessi lil imprendituri privati lokali, l-organizzazzjoni ta' emporji u bejgħ speċjali tal-ġada u tal-ħaġar prezzjuż. MGE topera taħt l-istruzzjonijiet tal-Ministeru għar-Riżorsi Naturali u l-Konservazzjoni tal-Ambjent (MONREC), li l-Ministru tiegħu nħatar mill-Kunsill Amministrattiv tal-Istat (SAC).</p>	21.6.2021

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
			<p>Il-Forzi Armati tal-Myanmar (Tatmadaw) għal żmien twil kellhom interessi sinifikanti fil-ġada u l-ħaġar prezzjuż, speċjalment permezz tat-tmexxija tal-MGE, li tikkonsisti kważi kompletament minn eks uffiċjali militari, u attivitajiet imwettqa minn żewġ konglomerati militari (Myanmar Economic Holdings Limited (MEHL) u Myanmar Economic Corporation Limited (MEC)). Il-kolp ta' stat tal-1 ta' Frar 2021 poġġa l-MGE lura taħt il-kontroll militari, u b'hekk ippermetta lit-Tatmadaw jikkontrollaw b'mod sinifikanti s-settur tal-ħaġar prezzjuż. L-MGE tiġġenera dħul għal dipartimenti differenti tal-Istat tal-Myanmar permezz tad-diversi attivitajiet tagħha deskritti hawn fuq, u t-Tatmadaw jistgħu jibbenefikaw direttament jew indirettament mid-dħul iġġenerat minn dan is-settur. Għalhekk, l-MGE qed tikkontribwixxi għall-kapaċitajiet tat-Tatmadaw li jwettqu attivitajiet li jdgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt u għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-Myanmar/Burma.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
4.	Myanma Timber Enterprise (magħrufa wkoll bħala Myanmar Timber Enterprise)	<p>Indirizz:</p> <p>Kwartieri ġenerali: Gyogone Forest Compound, Bayint Naung Road, Insein Township, Yangon, Myanmar;</p> <p>Uffiċċju tal-fergħa: No 72/74 Shawe Dagon Pagoda Road, Dagon Township, Yangon, Myanmar;</p> <p>Tip ta' entità: Intrapriża tal-istat;</p> <p>Post tar-reġistrazzjoni: Myanmar;</p> <p>Numru tat-telefown: 01-3528789</p> <p>Sit web: http://www.mte.com.mm/index.php/en</p>	<p>Myanma Timber Enterprise (MTE) hija intrapriża tal-istat li topera taħt il-Ministeru għar-Riżorsi Naturali u l-Konservazzjoni tal-Ambjent (MONREC). MTE għandha drittijiet esklużivi fuq il-produzzjoni u l-esportazzjoni tal-injam fil-Myanmar/Burma.</p> <p>Fl-1 ta' Frar 2021, il-Forzi Armati tal-Myanmar (Tatmadaw), immexxija mill-Kap Kmandant Min Aung Hlaing, ħatfu l-poter mill-Gvern ċivili leġittimu permezz ta' kolp ta' stat u stabbilew l-iState Administration Council (SAC) biex jeżerċita s-setgħat leġiżlattivi, eżekuttivi u ġudizzjarji tal-Istat. Fit-2 ta' Frar 2021, ir-reġim militari ħatar kabinet ġdid, inkluż ministru ġdid għar-Riżorsi Naturali u l-Konservazzjoni tal-Ambjent (MONREC). Permezz tal-SAC u l-kabinet il-ġdid, ir-reġim militari kiseb kontroll fuq u jibbenefika minn intrapriżi tal-istat, inkluż MTE. Għalhekk Myanma Timber Enterprise u s-sussidjarji tagħha huma kkontrollati minn u jiġġeneraw dħul għat-Tatmadaw, u b'hekk jikkontribwixxu għall-kapaċitajiet tagħhom li jwettqu attivitajiet li jdgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt.</p>	21.6.2021

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
6.	Organizzazzjoni tal-Veterani tal-Gwerra tal-Myanmar	<p>Indirizz: Thukhuma Road, Datkhina Thiri Tsp, Naypyitaw Division, Myanmar;</p> <p>Tip ta' entità: Organizzazzjoni Mhux Governattiva;</p> <p>Post tar-reġistrazzjoni: Yangon, Myanmar;</p> <p>Data tar-reġistrazzjoni: 1973;</p> <p>Numru tat-telefown: (067) 30485;</p> <p>Sit web: https://www.mwvo.org/Home/About</p>	<p>L-Organizzazzjoni tal-Veterani tal-Gwerra tal-Myanmar (MWVO) hija organizzazzjoni mhux governattiva li għandha l-għan li tipprovdi appoġġ lil eks membri tal-Forzi Armati tal-Myanmar (Tatmadaw). Hija l-organizzazzjoni ewlenija li tinfluwenza l-kwistjonijiet soċjali u ekonomiċi relatati mal-forzi militari fil-pajjiż.</p> <p>Fl-1 ta' Frar 2021, il-Forzi Armati tal-Myanmar (Tatmadaw), immexxija mill-Kap Kmandant Min Aung Hlaing, ħatfu l-poter mill-Gvern ċivili leġittimu permezz ta' kolp ta' stat u stabbilew l-iState Administration Council (SAC) biex jeżerċita s-setgħat leġiżlattivi, eżekuttivi u ġudizzjarji tal-Istat. Fit-2 ta' Frar, ġie stabbilit l-SAC biex jeżerċita dawk is-setgħat, biex b'hekk il-gvern elett demokratikament ma tħalliex iwettaq il-mandat tiegħu.</p>	21.6.2021

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
			<p>Skont il-mandat tal-MWVO, l-organizzazzjoni mhux governattiva ta' tagħxi bħala forza ta' riżerva tat-Tatmadaw u tiegħu sehem fit-tfassil tal-politika nazzjonali tad-difiża u s-sigurtà. Barra minn hekk, l-MWVO torganizza dimostrazzjonijiet favur ir-reġim u tħarreġ il-milizzja tal-poplu, u b'hekk tappoġġa lit-Tatmadaw fit-twettiq ta' attivitajiet li jdgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma.</p> <p>Il-grupp patrun ċentrali tal-MWVO huwa rrappreżentat minn figuri ta' livell għoli tat-Tatmadaw bħall-Kap Kmandant Min Aung Hlaing u l-Viċi Kap Kmandant Soe Win. Il-membri tal-MWVO huma parti mill-istruttura ta' governanza tal-konglomerati mmexxija mill-forzi militari, il-Myanmar Economic Holdings Limited (MEHL) u l-Myanmar Economic Corporation Limited (MEC). Għalhekk, l-MWVO hija assoċjata ma' persuni u entitajiet elenkati fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2013/184 u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 401/2013.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
9.	1 Mining Enterprise (ME 1)	<p>Indirizz: Bu Tar Street, Forest Street, Corner of Yone Gyi Quarter, Monywa, Sagaing Region, Myanmar/Burma;</p> <p>Tip ta' entità: Intrapriża tal-istat;</p> <p>Post tar-reġistrazzjoni: Myanmar/Burma;</p> <p>Numru tat-telefown: 09-071-21168</p>	<p>No. 1 Mining Enterprise (ME 1) hija intrapriża tal-istat li topera taħt il-Ministeru għar-Riżorsi Naturali u l-Konservazzjoni Ambjentali (MONREC) li taġixxi wkoll bħala r-regolatur għas-settur tal-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' metalli mhux ferużi. Bħala tali, l-intrapriża tal-Istat hija mogħnija bir-responsabbiltà li tagħti permessi u tiġbor parti mit-taxxa fuq il-profitti magħmula minn kumpaniji privati li huma jew fil-"kuntratti ta' kondiviżjoni tal-produzzjoni" jew f'impriża konġunta ma' ME 1.</p> <p>F1-1 ta' Frar 2021, il-Forzi Armati tal-Myanmar (Tatmadaw), immexxija mill-Kap Kmandant Min Aung Hlaing, ħatfu l-poter mill-Gvern ċivili leġittimu permezz ta' kolp ta' stat u stabbilew l-iState Administration Council biex jeżerċita s-setgħat leġiżlattivi, eżekuttivi u ġudizzjarji tal-Istat. Fit-2 ta' Frar 2021, ir-reġim militari ħatar kabinet ġdid, inkluż ministru ġdid għar-Riżorsi Naturali u l-Konservazzjoni tal-Ambjent (MONREC). Permezz tal-SAC u l-kabinet ġdid, ir-reġim militari kiseb kontroll fuq intrapriżi tal-istat u qed jibbenefika minnhom, inkluż No. 1 Mining Enterprise. No. 1 Mining Enterprise hija għalhekk ikkontrollata mit-Tatmadaw u tiġġenera d-dħul għalihom, u b'hekk tikkontribwixxi għall-kapaċitajiet tagħhom li jwettqu attivitajiet li jdgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt.</p>	21.2.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
			<p>Barra minn hekk, No. 1 Mining Enterprise ħadet sehem u/jew issorveljat diversi proġetti marbuta mal-vjolenza mit-Tatmadaw kontra l-popolazzjoni ċivili u l-ksur tad-drittijiet l-aktar bażiċi tagħhom, inkluż permezz tal-konfiska tal-art u r-rilokazzjoni furzata. No. 1 Mining Enterprise hija għalhekk responsabbli għall-appoġġ ta' azzjonijiet li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Myanmar/Burma.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
10.	Myanma Oil and Gas Enterprise	<p>Indirizz: Ministry of Electricity and Energy, Building No.(6), Nay Pyi Taw, Myanmar/Burma;</p> <p>Tip ta' entità: Intrapriża tal-istat;</p> <p>Post tar-reġistrazzjoni: Myanmar/Burma;</p> <p>Numru tat-telefown: +95-67-3 411 055;</p> <p>Sit web: http://www.moe.gov.mm/en/ignite/page/40</p>	<p>Myanma Oil and Gas Enterprise (MOGE), intrapriża tal-istat (SOE), hija l-operatur taż-żejt, il-fornitur tas-servizzi u r-regolatur tas-settur taż-żejt u tal-gass. Hija tissorvelja l-esplorazzjoni u l-produzzjoni taż-żejt u l-gass, it-trażmissjoni domestika tal-gass, u d-distribuzzjoni ta' prodotti tal-petroleum. L-intrapriża tal-Istat hija mogħnija bir-responsabbiltà li tagħti permessi u tiġbor parti mit-taxxa fuq il-profitti magħmula minn kumpaniji privati li huma jew fil-"kuntratti ta' kondivizzjoni tal-produzzjoni" jew f'impriża konġunta ma' MOGE.</p> <p>F1-1 ta' Frar 2021, il-Forzi Armati tal-Myanmar (Tatmadaw), immexxija mill-Kap Kmandant Min Aung Hlaing, ħatfu l-poter mill-Gvern ċivili leġittimu permezz ta' kolp ta' stat u stabbilew l-iState Administration Council biex jeżerċita s-setgħat leġiżlattivi, eżekuttivi u ġudizzjarji tal-Istat. Fit-2 ta' Frar 2021, l-SAC ħatar ministri ġodda, inkluż ministru għall-Elettriku u l-Enerġija. Il-Ministeru għall-Elettriku u l-Enerġija (MEE) jissorvelja MOGE. Permezz tal-Kunsill tal-Amministrazzjoni tal-Istat u l-kabinett il-ġdid, ir-reġim militari kiseb kontroll fuq intrapriżi tal-Istati u qed jibbenefika minnhom, inkluż MOGE.</p> <p>Għaldaqstant MOGE hija kkontrollata mit-Tatmadaw u tiġġenera dħul għalihom, u b'hekk tikkontribwixxi għall-kapaċitajiet tagħhom li jwettqu attivitajiet li jdgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma.</p>	21.2.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
11.	State Administration Council (SAC)/State Security and Peace Commission (SSPC)	Tip ta'entità: pubblika; Post tar-reġistrazzjoni: Myanmar;	<p>L-iState Administration Council (SAC) huwa entità pubblika stabbilita fit-2 ta' Frar 2021 wara l-kolp ta' stat militari fil-Myanmar/Burma fl-1 ta' Frar 2021. Bħala parti mill-kolp ta' stat, il-Viċi President Swe iddikjara stat ta' emerġenza u ttrasferixxa s-setgħat leġiżlattivi, eżekuttivi u ġudizzjarji tal-istat lill-Kap Kmandant Min Aung Hlaing. L-SAC, immexxi mill-Kap Kmandant Min Aung Hlaing, ġie stabbilit biex jeżerċita dawk il-funzjonijiet.</p> <p>L-SAC ġie sostitwit mill-iState Security and Peace Commission (SSPC) fil-31 ta' Lulju 2025.</p> <p>L-SAC/SSPC, permezz tas-setgħa tiegħu li jeżerċita funzjonijiet statali, huwa responsabbli għall-politiki u l-attivitajiet li jimminaw id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Myanmar/Burma. Barra minn hekk, l-SAC/SSPC adotta deċiżjonijiet li rriżultaw fir-repressjoni tal-popolazzjoni ċivili u l-oppożizzjoni politika, l-atroċitajiet u l-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa mill-Forzi tas-Sigurtà tal-Myanmar. Għalhekk, l-SAC/SSPC huwa involut f'azzjonijiet li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Myanmar/Burma.</p>	8.11.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
19.	2 Mining Enterprise (ME 2)	<p>Indirizz: Ywargout Quarter, Pyinmana Township, Nay Pyi Taw, Myanmar/ Burma;</p> <p>Tip ta' entità: Intrapriża tal-Istat (SOE)</p> <p>Post tar-reġistrazzjoni: Myanmar/ Burma;</p> <p>Post prinċipali tan-negozju: Myanmar/ Burma;</p> <p>Numru tat-telefon: 09 – 067-22126</p>	<p>2 Mining Enterprise (ME 2) hija intrapriża tal-Istat (SOE) taħt il-ġurisdizzjoni tal-Ministeru għar-Riżorsi Naturali u l-Konservazzjoni tal-Ambjent (MONREC) li tagħxi wkoll bħala r-regolatur għas-settur tal-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' metalli mhux ferrużi. Bħala tali, l-SOE hija mogħtija s-setgħa li tagħti permessi u tiġbor parti mit-taxxa fuq il-profitti magħmula minn kumpaniji privati li huma jew fl-hekk imsejħa "kuntratti ta' kondiviżjoni tal-produzzjoni" jew f'impriżi konġunti ma' ME 2.</p> <p>Il-Ministru għar-Riżorsi Naturali u l-Konservazzjoni tal-Ambjent, U Khin Maung Yi, inħatar mill-iState Administration Council (SAC), issostitwit mill-iState Security and Peace Commission (SSPC) fil-31 ta' Lulju 2025, li ħa f'idejh is-setgħat leġiżlattivi, eżekuttivi u ġudizzjarji tal-Istat mit-2 ta' Frar 2021.</p>	20.7.2023".

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
			<p>Wara l-kolp ta' stat, ir-reġim militari kiseb kontroll fuq l-intrapriżi tal-istat u jibbenifika minnhom, inkluż No. 2 Mining Enterprise. Għaldaqstant No. 2 Mining Enterprise hija kkontrollata minn u tiġġenera dħul għall-forzi militari tal-Myanmar (Tatmadaw), u b'hekk tikkontribwixxi għall-kapaċitajiet tagħhom li jwettqu attivitajiet li jdgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt.</p> <p>Barra minn hekk, No. 2 Mining Enterprise ħadet sehem fi u issorveljat diversi proġetti marbuta mal-vjolenza mill-forzi armati tal-Myanmar kontra popolazzjonijiet ċivili u l-ksur tad-drittijiet l-aktar bażiċi tagħhom, inkluż permezz tal-konfiska tal-art u r-rilokazzjoni forzata.</p>	